# GĦANJA TA' MĦABBA

Lejla ta' Lulju
b'sema kaħlani,
minn sħaba waħda
bla xejn imtabba',
kemm bis-sbuħija
u bl-għaxqa tiegħek
fil-qalb tal-bniedem
tnissel imħabba!

Leħen kitarra
mill-bogħ'd mal-għanja
ta' nies tar-raħal
ġej waħdu... hemm ġewwa
fil-għorfa mdawla
qamet minn friexha
xbejba għal dik l-għanja
tissamma' l-ħlewwa...

L-għannej nistħajlu
żagħżugħ smajrani,
imdawwar kagħka
minn ħbieb, u ħbiebu
għal mîn, u għax jafu
għalfejn dik l-għanja,
taħt l-għorfa waqfu
fejn kienet ħsiebu.

Għaddejja bl-għaġna
fuq rasha x-xbejba
ftit ilu kienet.
Lejn l-art għajnejha,
l-għannej kif lemħet
ma' ħbiebu jgħanni,
sarulha ġmamar
tan-nar ħaddejha.

U fl-aħħar jasal
il-jum tal-hena...
il-jum tal-kelma,
li ttemm il-ħrara,
il-jum tar-rabta,
il-jum tal-Barka,
fil-għors ma' ħbiebhom
u mal-ħaddara...

Kemm inti ħelwa,
għanja ta' Mħabba
f'ħalq mingħajr żina
minn qalb ta' tfajjel!
Ma nafx il-għala
kelma tas-Sema
nieżla fid-dinja
lilek nistħajjel!

Jien ukoll f'qalbi
inħossni safi
waqt li nisimek,
għanja ta' Mħabba,
bħal kieku fija,
il-qerq, il-ħażen
tad-dinja ħânja
qatt, qatt ma trabba.

Għal kollox mietet
kienet għalija
xraret il-għána
li wisq ħabbejt,
imma kif smajtek,
għanja ta' Mħabba,
lilha ġò sidri
irġajt ħassejt.

C. M. B.